[Ħarsa ġenerali lejn l-għodod tat-tiftix – traskrizzjoni]

F'dan il-video se nħarsu lejn l-għażliet ewlenin meta nwettqu tfittxija fuq il-EUR-Lex. Tista' ssib aktar dettalji dwar kull waħda minn dawn l-għażliet fil-videos iddedikati tagħna.

[Tfittxija rapida]

It-tfittxija rapida hija l-aktar mod rapidu u faċli biex wieħed jagħmel tfittxija fuq il-EUR-Lex, u hija disponibbli fil-parti ta' fuq nett ta' kull paġna.

Ittajpja kelma, sentenza jew numru ta' dokument fil-kaxxa tat-tiftix u kklikkja fuq il-buttuna tat-tiftix.

Imbagħad, agħżel id-dokument li qed tfittex mil-lista tar-riżultati.

Daqshekk faċli.

[Tfittxija avvanzata]

It-tfittxija avvanzata hija partikolarment utli meta tkun trid tagħmel tfittxija bbażata fuq kriterji speċifiċi.

Il-link għall-formola tat-tfittxija avvanzata hija disponibbli fin-naħa ta' fuq ta' kull paġna tal-EUR-Lex, eżatt taħt it-tfittxija rapida. Tista' wkoll tasal fil-paġna tat-tfittxija avvanzata mil-links ta' "fittex fi ..." fil-menù tax-xellug tal-paġni tal-ġabra.

Il-formola tat-tfittxija avvanzata toffri varjetà ta' kriterji li trid tagħżel qabel ma tibda t-tfittxija tiegħek.

Tista' tillimita t-tfittxija tiegħek għal kategoriji speċifiċi bħal trattati, atti legali jew dokumenti preparatorji. F'dan il-każ, il-formola tat-tfittxija se tadatta għall-kategorija magħżula billi turi kriterji speċifiċi ta' tiftix biex tagħżel minnhom. U meta tagħfas il-buttuna tat-tfittxija, is-sistema tfittex biss dokumenti li jappartjenu għall-kategorija magħżula.

Tista' tagħżel ukoll li tagħmel tfittxija f'diversi kategoriji jew fil-kategoriji kollha. F'dan il-każ, il-EUR-Lex juri l-formola tat-tfittxija avvanzata prestabbilita.

[Sib riżultati skont]

Jekk taf in-numru ta' referenza tad-dokument li qed tfittex, tista' tuża l-kaxxa tat-tiftix "Sib riżultati skont in-numru tad-dokument" fuq il-paġna ewlenija tal-EUR-Lex.

Ittajpja l-erba' ċifri tas-sena tad-dokument, in-numru tiegħu u t-tip tiegħu u mbagħad ikklikkja fuq il-buttuna tat-tiftix. Tista' tħalli xi oqsma vojta, iżda dan jista' jagħti aktar riżultati.

Jekk taf in-numru CELEX ta' dokument, ikklikkja "Sib r-riżultati skont in-numru CELEX", ittajpjah fil-qasam tat-tiftix u kklikkja fuq il-buttuna tat-tiftix.

[Tiftixa esperta]

L-għażla ta' tiftixa esperta tippermetti lill-utenti esperti jfasslu mistoqsijiet kumplessi apposta.

Hija disponibbli għall-utenti rreġistrati biss.

Meta tkun illoggjat, il-link għall-paġna tat-tiftixa esperta tidher ħdejn il-link "tfittxija avvanzata".

Biex tfassal mistoqsija esperta, għandek tuża sintassi speċifika u, jekk ikun meħtieġ, operaturi tat-tiftix bħal AND, OR, NOT u WHEN.

Tista' ssib informazzjoni dettaljata dwar kif tuża t-tfittxija esperta fil-paġni tal-għajnuna tal-EUR-Lex.

[Fittex skont l-istituzzjonijiet u l-EuroVoc]

Minbarra l-funzjonijiet differenti ta' tiftix disponibbli fil-EUR-Lex, hemm diversi modi oħra li tista' tibbrawżja.

EuroVoc jippermettilek tfittex id-dokumenti bil-kliem ewlieni organizzati f'dominji u sottodominji.

Tista' wkoll tibbrawżja dokumenti skont l-istituzzjonijiet li adottawhom.

[Ibbrawżja skont id-direttorji]

Għal atti legali, ftehimiet internazzjonali, dokumenti preparatorji u każistika, tista' ssib ukoll dokumenti bl-użu ta' direttorji li huma organizzati f'diversi dominji u sottodominji. Dan huwa eżempju tad-direttorju tal-ftehimiet internazzjonali.

[Għodod ta' tiftix għal kategoriji speċifiċi ta' dokumenti]

Mill-paġna ewlenija tista' taċċessa xi paġni li huma ddedikati għal kategoriji speċifiċi ta' dokumenti. Pereżempju, it-trattati, l-atti legali, il-ftehimiet internazzjonali u l-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali.

Xi wħud minn dawn il-paġni għandhom għodod speċifiċi ta' tiftix.

Fil-paġna "Dokumenti preparatorji", tista' tfittex direttament diversi tipi ta' dokumenti preparatorji tal-Kummissjoni Ewropea. Tista' taċċessa wkoll id-dokumenti preparatorji tal-Kummissjoni Ewropea skont is-sena.

Tista' tuża wkoll il-menù tax-xellug biex tfittex dokumenti preparatorji reċenti skont il-kategorija.

Fuq is-sommarji tal-paġna tal-leġiżlazzjoni tal-UE, tista' jew tuża l-qasam tat-tiftix biex tagħmel tfittxija jew tibbrawżja skont is-suġġett.

Permezz tal-menù fuq in-naħa tax-xellug, tista' wkoll tagħmel tfittxija avvanzata fis-sommarji, tħares lejn sommarji u entrati ta' glossarju ppubblikati reċentement jew tmur direttament fuq il-glossarju biex tfittex terminu.

Fil-paġna "każistika", hemm għodda ta' tiftix li tagħtik aċċess dirett għall-każistika tal-UE

Għodda ta' tiftix simili hija disponibbli fuq il-paġna "Rapporti tal-każijiet".

Dak kollox għal din il-ħarsa ġenerali lejn l-għażliet ta' tiftix tal-EUR-Lex.